KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussell, 6.11.2007
KUMM(2007) 651 finali

# KOMUNIKAZZJONI MILL-KUMMISSJONI

## dwar it-titjib tas-sigurtà ta' l-esploživi

{SEG(2007) 1421}
{SEG(2007) 1423}

MT MT

**KOMUNIKAZZJONI MILL-KUMMISSJONI**

**dwar it-titjib tas-sigurtà ta' l-esplożivi**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

## 1. INTRODUZZJONI

L-Unjoni Ewropea hija żona ta' liberalizzazzjoni li qiegħda dejjem tiżdied fejn l-aspetti interni u esterni tas-sigurtà huma marbuta mill-qrib ma' xulxin. Hija żona ta' interdipendenza li qiegħda dejjem tiżdied, li tippermetti l-moviment liberu tal-persuni, l-ideat, it-teknoloġija u r-riżorsi. Bħala riżultat ta' dan hija wkoll żona li minnha t-terroristi jistgħu jabbużaw sabiex jilħqu l-għanijiet tagħhom u li diġà ġiet abbużata għal dan l-iskop. L-attakki li ttelfu ta' Londra u Glasgow fid-29 u t-30 ta' Ġunju kif ukoll l-arresti relatati mat-terroriżmu li saru fil-Ġermanja, id-Danimarka u l-Awstrija kienu tfakkira ta' din it-theddida. F'dan il-kuntest, azzjoni miftiehma u kollettiva Ewropea, fi spirtu ta' solidarjetà, hija indispensabbli għall-ġlieda kontra t-terroriżmu.

Il-mezzi esplożivi huma l-armi l-aktar użati fl-attakki terroristi u kienu responsabbli għall-maġġoranza kbira tal-vittmi ta' attakki terroristi matul l-aħħar 50 sena. Għalhekk, it-titjib tas-sigurtà ta' l-esplożivi u l-għan li l-produzzjoni ta' mezzi esplożivi għat-terroristi ssir aktar diffiċli kienu u għadhom prijorità għall-Unjoni Ewropea.

Fil-25 ta' Marzu 2004, immedjatament wara l-attakki ta' Madrid, il-Kunsill Ewropew, fid-Dikjarazzjoni tiegħu dwar il-Ġlieda kontra t-terroriżmu, stabbilixxa bħala prijorità l-ħtieġa *"li jiġi assigurat li l-organizzazzjonijiet u l-gruppi terroristi jkunu nieqsa mill-komponenti ta' xogħolhom"*. Il-Kunsill Ewropew għaraf b'mod partikolari *"il-ħtieġa li tiġi żgurata sigurtà akbar fl-armi tan-nar, l-esplożivi, it-tagħmir għall-produzzjoni tal-bombi u t-teknoloġiji li jikkontribwixxu għat-twettiq tal-krudeltajiet terroristiċi"*.

*B'reazzjoni għad-dikjarazzjoni tal-Kunsill Ewropew, il-Kummissjoni adottat fit-18 ta' Lulju 2005 Komunikazzjoni dwar "Miżuri sabiex tiġi żgurata sigurtà akbar fl-esplożivi, id-detonaturi, it-tagħmir għall-produzzjoni tal-bombi u l-armi tan-nar"*[1]*. Waħda mill-miżuri prinċipali mħabbra f'din il-Komunikazzjoni kienet l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tfassal pjan ta' azzjoni ta' l-UE* għat-titjib tas-sigurtà ta' l-esplożivi bbażati fuq rakkomandazzjonijiet minn grupp ta' esperti.

Djalogu tal-partijiet interessati li jinvolvi kemm is-setturi pubbliċi kif ukoll privati tmexxa 'l quddiem permezz tat-Task Force ta' l-Esperti tas-Sigurtà ta' l-Espożivi, komposta minn rappreżentnati tal-partijiet interessati rilevanti, inklużi l-awtoritajiet industrijali u pubbliċi. Ix-xogħol tat-Task Force, li ġie kkonċentrat f'erba' gruppi ta' xogħol separati dwar kwistjonijiet ta' prekursuri, il-katina tal-provvista, id-detenzjoni u s-sigurtà pubblika, intemm f'Ġunju 2007 bis-sottomissjoni ta' rapport li jidentifika 50 rakkomandazzjoni għal miżuri intiżi li jkabbru s-sigurtà ta' l-esplożivi fl-UE.

---

[1] COM(2005)329 finali.

Fuq il-bażi tar-Rapport tat-Task Force, il-Kummissjoni żviluppat "Pjan ta' Azzjoni dwar it-Titjib tas-Sigurtà ta' l-Esplożivi" komprensiv, li jittratta l-aspetti kollha tas-sigurtà u jistrieħ b'mod estensiv fuq il-kooperazzjoni pubblika-privata fi spirtu ta' Djalogu tas-Sigurtà Pubbliku Privat. Peress li f'ċerti oqsma jeħtieġ linja ta' demarkazzjoni bejn l-attivitajiet tas-settur pubbliku u dawk tas-settur privat, il-Pjan ta' Azzjoni jinkludi wkoll strumenti ġodda għall-kooperazzjoni bejn servizzi speċjalizzati fl-Istati Membri.

## 2. GĦAN

L-għan strateġiku tal-Pjan ta' Azzjoni dwar it-tijib tas-sigurtà ta' l-esplożivi huwa li jiġi missielet l-użu ta' mezzi esplożivi mit-terroristi fl-UE, biex b'hekk tiġi mħarsa s-soċjetà mit-theddida ta' attakki bl-użu ta' mezzi esplożivi filwaqt li jitqiesu bis-sħiħ l-oqsma multipliċi ta' l-attività ekonomika fejn l-esplożivi u l-prekursuri tagħhom huma użati għall-benefiċċju ta' kulħadd.

## 3. AMBITU

L-attenzjoni prinċipali tal-Pjan ta' Azzjoni hija fuq il-kwistjonijiet ta' sigurtà. Għalkemm mhuwiex intiż sabiex jindirizza tħassib ta' sigurtà, xi wħud mill-attivitajiet imressqa fil-Pjan ta' Azzjoni jista' jkollhom ukoll implikazzjonijiet pożittivi għas-sigurtà.

Peress li approċċ komprensiv għas-sigurtà ta' l-esplożivi huwa meħtieġ fir-rigward tat-theddida tat-terroriżmu, il-Pjan ta' Azzjoni jindirizza kemm l-esplożivi nfishom kif ukoll il-prekursuri tagħhom. Jinkludi wkoll fil-mira tiegħu kemm il-manifattura legali kif ukoll illeċita ta' l-esplożivi.

## 4. STRUTTURA

Il-ġlieda kontra t-terroriżmu teħtieġ approċċ komprensiv u involviment sħiħ tas-setturi pubbliċi u privati.

Il-prevenzjoni, is-sejbien u r-reazzjoni għandhom jifformaw il-pilastri ta' l-approċċ ta' l-UE għas-sigurtà ta' l-esplożivi. Dawn il-pilastri għandhom jinkludu miżuri speċifiċi dwar il-prekursuri esplożivi, il-katina tal-provvista (il-ħażna, it-trasport, u t-traċċabbiltà) u s-sejbien. Fl-istess ħin, sett orizzontali ta' miżuri dwar is-sigurtà pubblika għandha tikkomplimenta u tikkonsolida l-pilastri kollha.

L-adozzjoni ta' kwalunkwe miżuri leġiżlattivi speċifiċi li jistgħu jirriżultaw mill-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni tkun ippreċeduta b'eżami dettaljat ulterjuri u tkun soġġetta għall-evalwazzjoni pożittiva ta' l-ispejjeż u l-benefiċċji tagħhom.

## 5. PREKURSURI

F'termini ġenerali, il-prekursuri għall-esplożivi jinkludu kull kompost jew element kimiku li jista' jiġi kkonvertit f'kompost esplożiv permezz ta' reazzjoni kimika jew serje ta' reazzjonijiet. Numru ta' prekursuri ġew identifikati li jeħtieġu li jiġu indirizzati bħala prijorità. Fil-preżent dawn jinkludu:

| | | | |
|---|---|---|---|
| **aċetun** | **aċidu ċitriku** | **perossidu ta' l-idroġenu** | **klorat tal-potassju u perklorat** |
| **nitrat ta' l-ammonju (fertilizzant)** | **hexamine** | **aċidu nitriku** | **nitrat tal-potassju** |
| **nitrat ta' l-ammonju (fertilizzant)** | **aċidu idrokloriku** | **nitromethane** | **klorat tas-sodju** |
| | | | **aċidu sulfuriku** |

**Din il-lista ta' prekursuri għandha tiġi emendata kif u meta jkun hemm ħtieġa.**

## 6. MIŻURI ORIZZONTALI

Is-sigurtà ta' l-UE u taċ-ċittadini u r-residenti tagħha hija dipendenti fuq il-kooperazzjoni u l-koordinazzjoni effiċjenti bejn l-Istati Membri, l-Istituzzjonijiet ta' l-UE u l-partijiet l-oħra rilevanti kollha li għandhom interess.

Diġà sar progress sinifikanti dwar is-sigurtà ta' l-esplożivi kemm fil-livell ta' l-Istati Membri kif ukoll fil-livell ta' l-UE. Madankollu, jista' jsir aktar f'oqsma bħat-titjib ta' l-iskambju ta' l-informazzjoni, it-tixrid ta' l-aqwa prattiċi, l-istabbiliment ta' mekkaniżmi ta' koordinazzjoni u t-teħid ta' azzjoni konġunta fi kwistjonijiet partikolari. Dawn huma oqsma fejn l-UE tista' tipprovdi appoġġ sinifikanti lill-Istati Membri dwar il-kwistjoni tas-sigurtà.

Iż-żewġ prijoritajiet orizzontali fil-qasam tas-sigurtà ta' l-esplożivi huma:

- it-titjib ta' l-iskambju ta' l-informazzjoni f'waqtha u l-aħjar prattiċi;
- it-titjib tar-riċerka marbuta ma' l-esplożivi.

### 6.1. It-titjib ta' l-iskambju ta' l-informazzjoni f'waqtha u l-aħjar prattiċi

Il-qsim ta' l-informazzjoni u l-aħjar prattiċi bejn l-Istati Membri għandha tkun bażi importanti ta' l-isforzi ta' l-UE sabiex tkabbar is-sigurtà ta' l-esplożivi.

L-ewwelnett, għandha tkun stabbilita Sistema ta' Twissija Bikrija (EWS – Early Warning System) għall-esplożivi sabiex tipprovdi lill-awtoritajiet rilevanti fl-Istati Membri b'informazzjoni dwar it-theddid immedjat, is-serq ta' esplożivi, is-serq ta' detonaturi, is-serq ta' ċerti prekursuri, tranżazzjonijiet suspettużi u s-sejbien ta' modi operandi ġodda.

It-tieninett, Sistema Ewropea tad-*Data* dwar il-Bombi għandha tiġi maħluqa u promossa bħala strument komuni ta' l-UE sabiex tagħti lill-korpi governattivi rilevanti fil-livelli ta' l-UE u ta' l-Istati Membri aċċess għall-informazzjoni dwar l-esplożivi u l-inċidenti ta' l-esplożivi.

Is-sistema għandha tiġi operata fuq bażi ta' 24/7 b'aċċess mogħti lis-servizzi li ġejjin (skond ir-responsabbiltajiet nazzjonali rilevanti): il-Pulizija, id-Dwana, il-Gwardja tal-Fruntiera, is-Servizzi tas-Sigurtà, l-Armata / il-Forzi tad-Difiża Nazzjonali. Fil-livell ta' l-Istati Membri, 27

Ċentru Nazzjonali tad-*Data* dwar il-Bombi għandhom joperaw bħala punti ta' kuntatt nazzjonali.

Il-qsim ta' l-esperjenza, l-għarfien u l-aħjar prattiċi għandu jkompli fost il-partijiet interessati rilevanti kollha li huma involuti fis-sigurtà ta' l-esplożivi. Għalhekk, konferenza dwar is-sigurtà ta' l-esplożivi li tkopri l-kwistjonijiet rilevanti kollha għandha tiġi organizzata kull sentejn.

Bl-istess mod għandu jiġi stabbilit djalogu ma' l-imsieħba esterni dwar is-sigurtà ta' l-esplożivi. Miżuri bħall-qsim ta' l-aħjar prattiċi u l-inkoraġġiment għat-titjib ta' l-istandards tas-sigurtà lilhinn mill-UE għandhom ikunu element importanti ta' l-isforzi ta' l-UE dwar is-sigurtà ta' l-esplożivi. Il-kooperazzjoni esterna għandha prinċipalment tiffoka fuq il-ġirien ta' l-UE.

## 6.2. It-titjib tar-riċerka marbuta ma' l-esplożivi

Ir-riċerka dwar is-sigurtà għandha rwol importanti fit-titjib ta' l-abbiltà ta' l-UE li tirrispondi għat-theddid tas-sigurtà. Għalhekk, l-investiment fir-riċerka għandu jiġi kkunsidrat bħala prijorità.

Numru ta' prijoritajiet tar-riċerka jistgħu diġà jkunu identifikati:

- mezzi improvviżi ta' esplożivi u l-proprjetajiet tagħhom;
- is-sejbien ta' esplożivi u prekursuri, inkluż permezz ta' l-użu ta' addittivi. Dan għandu jinkludi riċerka għat-titjib tas-sejbien (qabel l-isplużjoni) u għal addittivi għal finijiet ta' traċċabbiltà (wara u qabel l-isplużjoni);
- kittijiet mobbli ta' l-ittestjar ta' l-esplożivi;
- is-sejbien ta' mezzi improvviżati ta' esplożivi fl-ajruporti. Qed tingħata attenzjoni speċjali għax-xogħol dwar is-sejbien ta' esplożivi likwidi bil-ħsieb li jiġu żviluppati tekniki ta' sejbien li jippermettu l-introduzzjoni gradwali ta' tagħmir ġdid ta' eżaminazzjoni għas-sejbien ta' likwidi perikoloużi irrispettivament mill-kwantitajiet tal-likwidi kkonċernati;
- is-sejbien ta' soluzzjonijiet tekniċi għall-awtoritajiet ta' l-Istati Membri sabiex jiġu bblukkati s-sinjali tat-telefon ċellulari f'żoni mhedda. Minħabba l-possibbiltà kkonfermata li jkollok telefons ċellulari użati bħala swiċċ għal splużjoni, għandu jkun possibbli li s-sinjali tat-telefon ċellulari jiġu temporanjament imblokkati f'żona partikolari sabiex tiġi evitata d-detonazzjoni mill-bogħod ta' l-esplożivi;
- inibituri li jkunu jistgħu jiġu miżjuda mal-prekursuri ta' l-esplożivi.

Ir-riċerka dwar is-sigurtà ta' l-esplożivi m'għandhiex tieqaf mal-punti hawn fuq imsemmija. Reviżjoni regolari tal-prijoritajiet hija meħtieġa. Barra minn hekk, jeħtieġ li jitjieb l-iskambju ta' informazzjoni bejn l-Istati Membri sabiex jiġi evitat xogħol doppju inutli.

Is-sensittività tar-riċerka għandha dejjem tkun skrutinizzata b'attenzjoni sabiex jiġi evalwat min għandu jingħata aċċess għar-riżultati. F'ċerti oqsma, il-konfidenzjalità tkun mill-aktar importanti.

## 7. PREVENZJONI

Il-miżuri preventivi għandhom rwol kruċjali fit-titjib tas-sigurtà ta' l-esplożivi. Firxa wiesgħa ta' miżuri jistgħu jittieħdu kemm fil-livell ta' l-UE kif ukoll fil-livell nazzjonali fil-qasam tal-prevenzjoni.

Fir-rigward tal-prekursuri, it-titjib tal-kontroll fuq ċerti kimiċi, it-tkabbir ta' l-għarfien ta' l-istaff u l-identifikazzjoni ta' tranżazzjonijiet suspettużi huma fost il-prijoritajiet għal azzjoni.

B'mod aktar wiesa' fil-qasam ta' l-esplożivi, is-sigurtà fi ħdan il-katina kollha tal-provvista teħtieġ li tiġi indirizzata. Il-manifattura, il-ħażna, it-trasport u t-traċċabbiltà ta' esplożivi għandhom jiġu lkoll trattati b'mod urġenti fi sforz sabiex titnaqqas il-probabbiltà jew jitnaqqsu l-effetti tad-devjazzjoni, l-approprjazzjoni indebita u s-serq ta' materjal u mezzi esplożivi. Numru ta' miżuri diġà jeżistu f'dan il-qasam. Jeħtieġ li dawn il-miżuri jiġu kkonsolidati b'azzjoni speċifika marbuta mas-sigurtà.

Għalhekk, il-prijoritajiet ewlenin fir-rigward tal-prevenzjoni jinkludu:

- it-titjib ta' l-għarfien ta' l-istaff dwar il-prekursuri;
- it-titjib tar-regolazzjoni tal-prekursuri ta' l-esplożivi disponibbli fis-suq;
- it-titjib tal-kontroll fuq tranżazzjonijiet li jinvolvu l-prekursuri;
- it-titjib tal-kontroll fuq esplożivi u oġġetti pirotekniċi disponibbli fis-suq;
- it-titjib tas-sigurtà tal-faċilitajiet ta' l-esplożivi;
- it-titjib ta' l-eżamijiet ta' sigurtà tal-persunal;
- it-titjib tas-sigurtà tat-trasport ta' l-esplożivi;
- it-tnaqqis tal-provvista u l-kwalità ta' l-informazzjoni dwar kif esplożivi jiġu manifatturati b'mod illeċitu.

### 7.1. It-titjib ta' l-għarfien ta' l-istaff dwar il-prekursuri

L-esperjenza prattika ta' l-aġenziji ta' l-infurzar tal-liġi tindika li impjegati attenti huma waħda mill-aktar difiżi effettivi kontra attivitajiet illeċiti u b'mod partikolari fis-sejbien ta' tranżazzjonijiet suspettużi u serq.

L-aġġornament dwar kwistjonijiet ta' sigurtà ta' min huwa involut fit-trattament tal-prekursuri għandu jkun ta' importanza ewlenija għan-negozju u l-awtoritajiet pubbliċi. It-tkabbir ta' l-għarfien ta' l-istaff dwar it-theddid tul il-katina tal-provvista fost il-produtturi, il-formulaturi, id-distributuri u l-bejjiegħa tal-prekursuri għandu jsir permezz ta' kampanji intiżi għal dan.

### 7.2. It-titjib tar-regolazzjoni tal-prekursuri ta' l-esplożivi disponibbli fis-suq

It-tieni prijorità ta' prevenzjoni tinvolvi t-titjib tar-regolazzjoni tal-prekursuri disponibbli fis-suq permezz ta' modifikazzjonijiet fin-natura tal-kimiċi rilevanti jew restrizzjonijiet fuqha.

Għandhom jittieħdu miżuri sabiex l-użu ta' ċerti prekursuri fil-manifattura ta' mezzi esplożivi improvviżati jsir aktar diffiċli u sabiex l-użu tagħhom ma jkunx jista' jsir ta' l-inqas minn terroristi inqas sofistikati u produtturi tal-bombi dilettanti.

Għalhekk għandha tiġi stabbilita sistema sabiex ir-regolazzjoni tal-prekursuri ta' l-esplożivi disponibbli fis-suq tiġi kkunsidrata u ppreparata. Din għandha tinkludi l-ħolqien ta' Kumitat Permanenti ta' Esperti li jkollu bħala mira l-identifikazzjoni tar-riskji marbuta mad-diversi prekursuri u r-rakkomandazzjoni ta' azzjoni xierqa lill-Kummissjoni, filwaqt li jitqiesu l-proporzjonalità u l-ispejjeż ta' diversi miżuri. Dawn ir-rakkomandazzjonijiet jistgħu jinkludu restrizzjonijiet fuq konċentrazzjonijiet ta' ċerti prekursuri, impedimenti ta' bejgħ, l-identifikazzjoni ta' alternattivi għas-sustanzi kkonċernati, u prijoritajiet ta' riċerka.

Il-ħidma tal-Kumitat Permanenti tkun tinkludi l-attenzjoni dettaljata tal-kwistjonijiet li ġejjin u l-monitoraġġ, fejn rilevanti, ta' l-implimentazzjoni ta' miżuri speċifiċi.

(a) L-iżvilupp ta' addittivi xierqa u l-promozzjoni ta' l-użu ta' dawn l-addittivi għall-prekursuri sabiex ma jkunx jista' jsir użu minnhom fl-esplożivi, fejn dan ikun teknikament possibbli.

(b) Restrizzjonijiet fuq konċentrazzjonijiet ta' ċerti prekursuri fir-rigward tal-bejgħ tagħhom lill-utenti finali.

(c) Impediment sħiħ fuq aċidi qawwija konċentrati fi swieq tal-konsumatur ta' l-UE (swieq mhux professjonali) meta jkun hemm sostitut disponibbli: b'mod partikolari l-aċidi sulfuriċi, idrokloriċi u nitriċi.

(d) L-introduzzjoni ta' skema ta' sorveljanza tas-suq għall-fertilizzanti tan-nitrat ta' l-ammonju u r-restrizzjoni tal-bejgħ ta' fertilizzanti b'nitroġenu għoli lill-pubbliku ġenerali.

(e) Il-limitazzjoni tad-disponibbiltà tan-*nitromethane* pur għall-pubbliku ġenerali. Dan għandu jkun disponibbli lix-xerrejja industrijali permezz ta' skema ta' kwalifika tax-xerrejja.

(f) Restrizzjonijiet fuq l-aċċess tal-pubbliku ġenerali għall-klorat tas-sodju *unphlegmatised* (*weed killer*).

(g) Il-fattibbiltà u l-valur miżjud ta' l-introduzzjoni ta' impediment sħiħ fuq il-bejgħ ta' ċerti prekursuri lil minuri.

Fuq il-bażi tax-xogħol tal-Kumitat Permanenti fir-rigward tar-restrizzjonijiet fuq il-bejgħ ta' ċerti kwantitajiet u/jew konċentrazzjonijiet ta' prekursuri, tista' tiġi introdotta obbligazzjoni ta' reġistrazzjoni ta' l-identità tax-xerrej. Mingħajr ħsara għar-regoli rilevanti tal-protezzjoni tad-*data*, din l-informazzjoni ssir disponibbli lill-awtoritajiet ta' l-infurzar tal-liġi.

Finalment, standard minimu Ewropew u gwida industrijali permezz ta' kodiċi xieraq għandu jiġi definit għas-sigurtà tal-ħażna tal-prekursuri ta' l-esplożivi.

## 7.3. It-titjib tal-kontroll fuq tranżazzjonijiet li jinvolvu l-prekursuri

It-tielet prijorità tikkonċerna l-introduzzjoni ta' kontrolli fuq tranżazzjonijiet li jistgħu jiżvelaw intenzjoni malizzjuża. Il-miżuri elenkati hawn taħt għandhom ukoll jitqiesu mill-Kumitat Permanenti dwar il-prekursuri ta' l-esplożivi.

Għandu jkun hemm mekkaniżmu ta' twissija sempliċi f'kull Stat Membru li jippermetti lil kull min jagħmel parti mill-katina tal-provvista li jinforma lill-awtoritajiet nazzjonali dwar tranżazzjonijiet suspettużi jew serq. Għandha tiġi stabbilita sistema għar-rappurtar ta' tranżazzjonijiet suspettużi, komparabbli ma' sistemi eżistenti għall-prekursuri tad-drogi jew għat-tranżazzjonijiet finanzjarji suspettużi. **Tista' tiġi stabbilita sistema li torbot għan-notifika lill-awtorità nazzjonali rilevanti ta' kwalunkwe tranżazzjonijiet li jinvolvu prekursuri li jistgħu jiġu kkunsidrati suspettużi. "Kodiċi ta' kondotta", simili għall-kodiċi tal-KE għall-prekursuri tad-drogi, għandu jiġi żviluppat għall-industrija u l-bejjiegħa, bl-identifikazzjoni ta' dik it-tip ta' mġiba li ġġib suspett.**

**Għandha ssir evalwazzjoni tal-benefiċċji mill-ħolqien ta' skema għal kull prekursur tas-settur tal-bejgħ, li taħtha l-pakketti kollha jiġu ttikkettjati b'kodiċi li jispeċifika li x-xiri tas-sustanza jista' jkun soġġett għal reġistrazzjoni.** Tista' tiġi kkunsidrata l-possibbiltà li jsir simbolu Ewropew sabiex jiġi indikat li l-prodott għall-bejgħ bl-imnut ikun soġġett għal reġistrazzjoni.

## 7.4. It-titjib tal-kontroll fuq esplożivi disponibbli fis-suq u oġġetti pirotekniċi

Fil-preżent, l-Istati Membri kollha għandhom sistema ta' awtorizzazzjoni għal kumpaniji li jittrattaw l-esplożivi. Madankollu, sistema ta' awtorizzazzjoni għat-trattament mhux kummerċjali ta' esplożivi hija ħafna drabi nieqsa. Għalhekk, hemm ħtieġa li jiġi żgurat li kull Stat Membru jkollu sistema formali għall-awtorizzar, ir-regolazzjoni u l-liċenzjar tal-manifattura, il-ħażna, il-bejgħ, l-użu u l-pussess ta' l-esplożivi inkluż minn persuni privati. Is-sistema għandha tapplika kemm għall-kumpaniji kif ukoll għal attivitajiet mhux kummerċjali.

F'każi fejn jinsabu esplożivi mhux awtorizzati, hemm neċessità assoluta li jiġi identifikat kemm jista' jkun malajr l-aħħar sid uffiċjali ta' dawn l-esplożivi. Għal din ir-raġuni mmarkar uniku Ewropew fuq l-esplożivi kollha jkun ferm utli għall-aġenziji ta' l-infurzar tal-liġi ta' l-Istati Membri. Tali skema unika ta' mmarkar tinsab fil-proċess li tiġi żviluppata mill-Kummissjoni u hija mistennija li tirriżulta fi proposta għal Direttiva dwar l-identifikazzjoni u t-traċċabbiltà ta' l-esplożivi għall-użu ċivili. Taħt id-Direttiva proposta l-esplożivi kollha jiġu mmarkati b'identifikazzjoni unika kemm f'forma li tinqara kif ukoll f'forma ta' *bar code* jew *matrix code*. L-implimentazzjoni ta' l-iskema għandha titmexxa 'l quddiem kemm jista' jkun malajr.

Għandha tiġi eżaminata wkoll it-theddida ta' l-oġġetti pirotekniċi. Peress li dawn jistgħu jintużaw f'mezzi esplożivi improvviżati għandu jkun hemm titjib tal-kontroll. Għalkemm oġġetti pirotekniċi ma ntużawx sabiex isiru atti terroristiċi, dawn ġew użati f'attivitajiet kriminali (pereżempju bħala partijiet minn bombi tal-pajpijiet improvviżati). Direttiva ġdida ta' l-UE dwar oġġetti pirotekniċi ġiet adottata mill-Kunsill fis-16 ta' April 2007[2]. Dan l-istrument jindirizza prinċipalment kwistjonijiet ta' sikurezza (*safety*), għalkemm għandu wkoll xi implikazzjonijiet ta' sigurtà.

---

[2] Id-Direttiva 2007/23/KE, ĠU L 154, 14.6.2007, p. 1

Peress li fil-preżent m'hemmx approċċ armonizzat fir-rigward ta' l-iskemi ta' liċenzjar għal ġestjoni ta' kwantitajiet kbar ta' oġġetti pirotekniċi, huwa possibbli f'xi Stati Membri li jiġu ġestiti kwantitajiet kbar ta' sustanzi pirotekniċi mingħajr sorveljanza regolatorja sakemm jitħarsu l-kundizzjonijiet rilevanti tal-ħażna u t-trasport. Dan il-vojt għandu jimtela bl-introduzzjoni ta' kundizzjonijiet armonizzati ta' l-UE għal-liċenzjar u l-ġestjoni ta' kwantitajiet kbar ta' oġġetti pirotekniċi.

### 7.5. It-titjib tas-sigurtà tal-faċilitajiet ta' l-esplożivi

L-Istati Membri għandhom varjetà ta' esperjenzi u strateġiji fir-rigward tas-sigurtà ta' faċilitajiet ta' l-esplożivi. Madankollu, il-fatt li matul dawn l-aħħar għaxar snin is-serqiet kbar ta' esplożivi saru fl-Ewropa jissuġġerixxi li għad hemm il-ħtieġa ta' aktar sforzi. Aktar xogħol huwa meħtieġ għall-approssimazzjoni tal-livelli tas-sigurtà tal-faċilitajiet ta' l-esplożivi fl-UE u possibbilment l-iżvilupp ta' standards minimi komuni f'dan il-qasam.

L-ewwelnett, Pjanijiet ta' Sigurtà/Sistemi ta' Ġestjoni ta' Sigurtà effettivi għandhom ikunu operattivi fil-faċilitajiet ta' l-esplożivi kollha (manifattura, ħażna, distribuzzjoni u użu). Dawn il-Pjanijiet ta' Sigurtà/Sistemi ta' Ġestjoni ta' Sigurtà għandhom ikunu bbażati fuq ir-riskju u jirriżultaw f'miżuri operattivi tas-sigurtà. "Persuni Responsabbli" u "Maniġer tas-Sigurtà" nominati għandhom jiġu indikati fil-Pjan ta' Sigurtà/Sistema ta' Ġestjoni ta' Sigurtà. L-awtoritajiet nazzjonali għandu jkollhom il-possibbiltà li jippermettu eżenzjonijiet għall-utenti żgħar. Fir-rigward tal-faċilitajiet fissi tal-ħażna, il-livelli tal-prevenzjoni meħtieġa ta' aċċess u l-provvedimenti għas-sejbien għadhom ikunu proporzjonali għar-riskju u soġġetti għal klassifika standard.

It-tieni, għandu jkun obbligatorju għall-awtoritajiet nazzjonali rilevanti li jżommu lill-produtturi u d-distributuri ta' l-esplożivi dejjem informati bit-theddida reġjonali. Pjanijiet ta' reazzjoni għandhom jiġu żviluppati u ntonati għal-livelli eżistenti tat-twissija.

It-tielet, għandha titjieb il-kontabbiltà tal-materja prima użata fil-manifattura ta' l-esplożivi kbar u tal-prodotti lesti. Sistemi ta' kontabbiltà u rikonċiljazzjoni diġà jeżistu. Madankollu hemm bżonn li jiġi żgurat li s-serq u l-inkonsistenzi jingħarfu malajr kemm jista' jkun.

Finalment, għandu jkun hemm il-mira li s-sigurtà ta' l-Unitajiet Mobbli tal-Manifattura ta' l-Esplożivi (MEMUs) tiġi mtejba. Fil-preżent, ħafna esplożivi ċivili huma mmanifatturati fl-Istati Membri mill-MEMUs. Dan jammonta għal żieda sinifikanti tas-sikurezza meta mqabbel mal-manifattura f'fabbriki u t-trasport ta' l-esplożivi li jsegwi. Madankollu, huwa meħtieġ ċertu titjib dwar is-sigurtà tal-MEMU. L-ammont ta' esplożivi prodotti mill-MEMUs għandu jiġi rreġistrat minn ta' l-inqas żewġ sistemi indipendenti. Kull MEMU għandha tiġi attrezzata b'sokriet tal-proċess sabiex jiġi inibit użu mhux awtorizzat u għandha tiġi pparkjata f'sit li jkun sorveljat jew monitorjat meta ma tkunx qed tintuża.

### 7.6. It-titjib ta' l-eżamijiet ta' sigurtà tal-persunal

Hemm ħtieġa għal kontrolli tas-sigurtà tal-persuni kollha professjonalment involuti fl-esplożivi, fil-kuntest tal-katina kollha tal-provvista (manifattura, ħażna, trasport u użu). Dan jinkludi l-persunal ta' kumpaniji liċenzjati sabiex jiġġestixxu l-esplożivi kif ukoll il-persunal ta' kumpaniji tas-servizz. Għalhekk, il-persunal kollu impjegat fil-manifattura, il-ħażna, id-distribuzzjoni u l-użu ta' l-esplożivi, u li għandu aċċess għall-esplożivi, għandu jiġi eżaminat u għandu jkollu awtorizzazzjoni formali għall-aċċess għall-esplożivi.

### 7.7. It-titjib tas-sigurtà tat-trasport ta' l-esplożivi

It-trasport ta' l-esplożivi hija attività partikolarment sensittiva minħabba t-theddida ta' attakk dirett jew minħabba li b'mod illeċitu jsir għal destinazzjoni li ma tkunx dik intiża. Għalhekk, arranġamenti stretti ta' sigurtà għat-trasport ta' l-esplożivi għandhom ikunu aspett prinċipali sabiex tiżdied is-sigurtà ta' l-esplożivi b'mod ġenerali. Għalhekk, ċerti soluzzjonjiet ta' titjib ta' sigurtà għandhom jiġu introdotti fil-vetturi kollha EX/II u EX/III[3] li jġorru l-esplożivi.

Għandu jsir dibattitu dwar il-bżonn li l-klassifika ta' "esplożivi disensittivizzati" tiġi riveduta. L-esplożivi disensittivizzati jinkludu esplożivi kbar bħall-RDX (cyclotrimethylenetrinitramine) u l-PETN (pentaerythritol tetranitrate), li huma normalment klassifikati bħala ta' l-1 Klassi tar-Rakkomandazzjonijiet tan-NU dwar it-Trasport ta' Oġġetti Perikolużi iżda meta mħallta ma' sustanza ta' disensittività jistgħu alternattivament jiġu kklassifikati fil-Klassi 4.1 ta' dawn ir-Rakkomandazzjonijet. Peress li hemm riskju li l-perikoli ta' l-1 Klassi ma jkunux kompletament imneħħija mill-proċess ta' disensittività, hemm ħtieġa li jiġi evalwat jekk dawn "l-esplożivi disensittivizzati" għandhomx jiġu kklassifikati bħala ta' l-1 Klassi minflok tal-Klassi 4.1. Għalhekk, għandha ssir reviżjoni f'waqtha tal-klassifika ta' dawn is-sustanzi.

### 7.8. It-tnaqqis tal-provvista u l-kwalità ta' l-informazzjoni dwar kif esplożivi jiġu manifatturati b'mod illeċitu.

Għandha tingħata ħarsa dettaljata lejn l-użu ta' l-internet għat-tixrid ta' informazzjoni dwar kif isiru l-bombi. Min-naħa waħda, l-internet jipprovdi aċċess għal abbundanza kbira ta' informazzjoni li hija ta' benefiċċju għal kulħadd; min-naħa l-oħra, dan jista' jiġi użat ħażin sabiex tinxtered informazzjoni li tista' tiġi użata għal skopijiet malizzjużi. Huwa meħtieġ li jiġi missielet it-tixrid illeċitu ta' l-informazzjoni u l-materjali għall-manifattura ta' bombi permezz ta' l-internet, filwaqt li jiġu rispettati bis-sħiħ il-libertà ta' l-istampa, il-libertà ta' l-espressjoni u l-libertà ta' l-informazzjoni. Għandhom jiġu kkunsidrati sanzjonijiet kriminali minimi komuni għat-tixrid fuq l-internet ta' tagħrif dwar kif isiru l-bombi. Il-Kummissjoni qiegħda diġà tindirizza din il-kwistjoni permezz tar-reviżjoni tad-Deċiżjoni Qafas dwar il-Ġlieda kontra t-Terroriżmu[4].

## 8. SEJBIEN

Meta l-attivitajiet ta' prevenzjoni jfallu jew jiġu evitati, huma l-għodda u l-prattiċi tas-sejbien li jistgħu jnaqqsu r-riskju ta' terroristi u kriminali oħra li jagħmlu użu minn esplożivi għal skopijiet malizzjużi. Għalhekk, huwa meħtieġ li jiġu żviluppati għodda ta' sejbien effettivi u preċiżi.

Hija meħtieġa strateġija komprensiva tas-sejbien. Numru ta' tekniki ta' sejbien jeżistu li jistgħu jintużaw għall-esplożivi. Dawn jinkludu s-Sistemi ta' Sejbien ta' l-Esplożivi (EDS – Explosive Detection Systems), is-sistemi ta' l-*x-ray*, il-klieb li jsibu l-esplożivi, u s-sistemi ta' sejbien tat-traċċi u tal-fwar. Madankollu, il-prattika wriet li l-użu ta' teknika unika ta' sejbien ma twassalx għal riżultati sodisfaċenti. Għalhekk tista' tkun meħtieġa taħlita ta' metodi .

---

3 EX/II u EX/III jirreferu għal vetturi użati speċifikament għat-trasport ta' oġġetti perikolużi.

4 Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill tat-13 ta' Ġunju 2002 dwar il-ġlieda kontra t-terroriżmu, ĠU L 164, 22.6.2002, p. 3

Il-prijoritajiet ewlenin jinkludu:

- It-twaqqif ta' strateġija bbażata fuq il-kuntest sabiex jiġu identifikati l-prijoritajiet fix-xogħol tas-sejbien;
- L-iżvilupp ta' standards ta' sejbien minimi;
- It-titjib ta' l-iskambju ta' l-informazzjoni;
- It-twaqqif ta' skemi ta' ċertifikazzjoni, ittestjar u ta' prova;
- L-użu aħjar ta' teknoloġiji ta' sejbien f'postijiet speċifiċi.

Diġà ttieħdu passi sinifikanti mill-Kummissjoni fil-qasam tas-sigurtà ta' l-avjazzjoni. Dawn jinkludu t-twaqqif ta' standards mandatorji kemm għar-rekwiżiti ta' prestazzjoni tat-tagħmir ta' sejbien ta' l-esplożivi kif ukoll għall-użu tagħhom. Dan it-tip ta' xogħol għandu jitkompla.

## 8.1. It-twaqqif ta' strateġija bbażata fuq il-kuntest sabiex jiġu identifikati l-prijoritajiet fil-qasam tas-sejbien

It-titjib tas-sejbien ta' l-esplożivi huwa proċess ikkumplikat u li jieħu ħafna ħin li jirrikjedi l-involviment ta' firxa wiesgħa ta' partijiet interessati.

L-approssimazzjoni tal-ħtiġiet tal-komunità ta' l-infurzar tal-liġi fil-qasam tas-sejbien mat-teknoloġiji u prodotti eżistenti hija sfida ewlenija. Dan il-proċess jista' jiġi ffaċilitat permezz ta' l-iżvilupp ta' strateġija bbażata fuq ix-xenarju sabiex jiġu identifikati l-prijoritajiet fix-xogħol ta' sejbien. L-identifikazzjoni tax-xenarji rilevanti u t-teknoloġiji disponibbli għat-trattament tagħhom huwa l-ewwel pass kruċjali għall-identifikazzjoni tal-prijoritajiet għall-azzjoni fil-futur. Dawn ix-xenarji għandhom jgħinu l-iffokar tar-riżorsi u r-riċerka, il-konċentrazzjoni tad-dibattitu fuq kwistjonijiet u problemi speċifiċi, u t-titjib ta' l-apprezzament tal-problemi tad-diversi partijiet li għandhom interess madwar l-UE, inkluż l-isfida tal-ħin tas-sejbien u r-rati ta' allarm falz/pożittiv. It-twaqqif ta' grupp ta' ħidma bl-inkarigu li jidentifika u jiddiskuti x-xenarji rilevanti u l-ħtiġiet applikabbli tas-sejbien għandu jiffaċilita l-proċess. Minħabba n-natura sensittiva tas-suġġetti diskussi, dan għandu jkun kompost minn rappreżentanti mill-Istati Membri u l-Kummissjoni. Madankollu, is-settur privat u l-komunità tar-riċerka jista' jkollhom jiġu assoċjati ma' xi xogħol tal-grupp jekk dan ikun meqjus xieraq. F'din is-sitwazzjoni, ikun meħtieġ li l-kundizzjonijiet tas-sigurtà rilevanti, bħall-eżaminazzjoni tal-parteċipanti u l-użu ta' bini sigur, ikunu garantiti.

## 8.2. L-iżvilupp ta' standards ta' sejbien minimi

L-iżvilupp ta' standards huwa mezz effiċjenti u li jagħti valur tajjeb għall-flus sabiex tittejjeb il-prestazzjoni tat-tagħmir tas-sejbien. Minkejja x-xogħol li diġà sar fil-qasam tas-sigurtà ta' l-avjazzjoni, standards tas-sejbien minimi għandhom jiġu żviluppati fl-UE. Dawn l-istandards jiġu aġġornati skond l-iżviluppi fit-teknoloġija. L-istandards jistgħu jiġu żviluppati f'forom differenti inkluż bil-leġiżlazzjoni jew permezz tal-Kumitat Ewropew għall-Istandardizzazzjoni (CEN). L-għażla ta' l-approċċ tiddependi fuq il-ħtiġiet tas-sigurtà u l-preferenzi tal-partijiet interessati.

## 8.3. It-titjib ta' l-iskambju ta' l-informazzjoni

L-iżvilupp ta' soluzzjonijiet imtejba tas-sejbien jinħtieġ kooperazzjoni mill-qrib bejn is-setturi privati u dawk pubbliċi. L-iskambji ta' informazzjoni jeħtieġu li jiġu mtejba bejn dawk involuti fis-sejbien, inkluż bejn is-servizzi ta' l-infurzar tal-liġi u l-istaff tas-sigurtà rilevanti bl-inkarigu li jsib fiżikament l-esplożivi f'diversi postijiet, u bejn l-istaff ta' l-infurzar tal-liġi u tas-sigurtà, min-naħa l-waħda, u l-manifatturi tat-tagħmir ta' sejbien, min-naħa l-oħra.

Is-sejbien effiċjenti jeħtieġ il-provvista ta' informazzjoni rilevanti u aġġornata dwar it-theddida lill-persunal tas-sigurtà inkarigati bis-sejbien fiżiku ta' l-esplożivi. Peress li t-terroristi jistgħu jużaw ħafna tipi u forom ta' esplożivi, il-persunal tas-sigurtà għandu jiġi aġġornat dwar it-theddid rilevanti u l-kuntesti possibbli. Dan huwa partikolarment importanti għall-persunal ta' l-ajruporti. L-istaff tas-sigurtà ta' l-ajruporti għandhom jiġu pprovduti fuq bażi kontinwa b'informazzjoni aġġornata dwar x'metodi jużaw it-terroristi, u informazzjoni oħra dwar it-theddida. Sabiex isir dan il-proċess, ikunu meħtieġa livelli xierqa ta' eżaminazzjoni bir-reqqa tas-sigurtà.

Il-forniment ta' *data* tat-taħriġ u l-informazzjoni rilevanti dwar ċerti tipi ta' esplożivi lill-manifatturi tat-tagħmir tas-sejbien għandu jikkontribwixxi b'mod sinifikanti għall-iżvilupp ta' soluzzjonijiet aħjar. F'ħafna każi, il-manifatturi tat-tagħmir tas-sejbien ta' l-esplożivi m'għandhomx fil-preżent aċċess għal ċerti esplożivi jew ammonti suffiċjenti. Jekk is-soluzzjonijiet ta' sejbien ikollhom żvantaġġi fil-kapaċitajiet taħt ċerti sitwazzjonijiet din l-informazzjoni għandha tiġi kkomunikata lill-manifattur sabiex il-kapaċità tas-sejbien tiġi mtejba. Dan jista' jsir fil-forma ta' proċess speċifiku ta' *feedback* u m'għandux ikun immirat għall-faċilitazzjoni tat-testijiet rilevanti tal-fornitur tas-soluzzjoni.

Ix-xogħol ta' l-esperti tas-sejbien jista' jiġi ffaċilitat aktar bil-ħolqien ta' *database* b'aċċess ristrett li jkollha l-ispeċifikazzjonijiet ta' l-esplożivi li jkunu fis-suq ta' l-UE. Din tkun tinkludi l-ispeċifikazzjonijiet ta' l-esplożivi meħtieġa mill-komunità forensika u mill-esperti tas-sejbien. Il-kundizzjonijiet ta' liċenzjar eżistenti jistgħu jintużaw għal dan l-iskop, b'espansjoni possibbli tar-rekwiżiti ta' l-informazzjoni.

Miżuri oħra fil-qasam tas-sejbien jistgħu jinkludu l-ħolqien ta' manwal tas-sejbein għall-utenti finali u t-twaqqif ta' netwerk ta' esperti dwar is-sejbien ta' l-esplożivi.

## 8.4. It-twaqqif ta' skemi ta' ċertifikazzjoni, ittestjar u ta' prova fl-UE għas-sistemi tas-sejbien ta' l-esplożivi

Għandhom jiġu mwaqqfa skemi ta' ċertifikazzjoni, ittestjar u ta' prova mifruxa ma' l-UE għal soluzzjonijiet tas-sejbien ta' l-esplożivi. Dawn l-iskemi għandhom jipprovdu vantaġġi sinifikanti f'termini ta' spejjeż peress li tiġi evitata d-duplikazzjoni ta' attivitajiet madwar l-Istati Membri li twassal għal ħela ta' riżorsi pubbliċi u tar-riżorsi tas-settur privat. Barra minn hekk, sistemi bħal dawn jippermettu lil dawk l-Istati Membri, li ma jkollhomx il-kapaċitajiet ta' ċertifikazzjoni tagħhom, jiksbu aċċess għall-informazzjoni taċ-ċertifikazzjoni rilevanti. Skemi komuni ta' ċertifikazzjoni, ittestjar u ta' prova jnaqqsu d-dipendenza ta' l-awtoritajiet pubbliċi fuq l-informazzjoni pprovduta mill-manifatturi tat-tagħmir tas-sejbien u jippermettulhom li jibbażaw id-deċiżjonijiet tagħhom fuq riżultati oġġettivi. Finalment, sistemi bħal dawn ikunu ta' benefiċċju għas-settur privat peress li dawn jippermettu manifatturi li jqiegħdu fis-suq il-prodotti tagħhom b'mod aktar effettiv. L-istandardizzazzjoni tal-proċessi ta' ċertifikazzjoni, ittestjar u ta' prova tista' tiġi kkunsidrata sabiex tiġi żgurata l-kwalità identika fost l-entitajiet parteċipanti.

F'termini ta' ċertifikazzjoni, hija meħtieġa sistema li permezz tagħha soluzzjoni ta' sejbien tkun tista' tiġi evalwata sabiex jiġi determinat jekk tilħaqx ċerti standards aċċettati. Dan il-proċess ta' ċertifikazzjoni jsir minn laboratorji/organizzazzjonijiet akkreditati fl-Istati Membri u jkun aċċettat mill-Istati Membri kollha.

